MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH ZAMMIT MC KEON**

Seduta tas-17 ta' Jannar, 2012

Rikors Numru. 918/2011

**Angelo Zahra (751849M)**

***kontra***

**Stratford Company Limited (C18483)**

**Il-Qorti :**

## I. Preliminari

Rat ir-rikors prezentat fit-22 ta` Settembru 2011 li jaqra hekk –

*Illi l-esponenti huwa kontributorju (azzjonista) fil-kumpannija intimata Stratford Company Limited.*

*Illi l-kumpannija intimata Stratford Company Limited ghaddejja minn perijodu finanzjarju xejn felici u kellha l-inkwiet mal-bank.*

*Illi l-kumpannija Stratford Company Limited ghaddejja minn gwaj serju mal-awtoritajiet fiskali.*

*Illi l-kumpannija Stratford Company Limited kellha problema serja mal-Kummissarju tal-VAT dwar nuqqas ta` hlas ta` VAT u din il-problema rrizultat f`sentenza ta` piena karcerarja effettiva kontra l-esponenti.*

*Illi l-imsemmija piena karcerarja kompliet taggrava l-gwaj finanzjarju tal-kumpannija Stratford Company Limited ghaliex irrizultat fit-twaqqif fl-operat u kummerc taghha.*

*Illi l-kumpannija Stratford Company Limited ghaddejja wkoll minn gwaj finanzjarju mal-Kummissarju tat-Taxxi Interni. Il-Kummissarju tat-Taxxi Interni istitwixxa proceduri kriminali ghall-allegat nuqqas ta` hlas tal-FSS.*

*Illi l-esponenti ghandu wkoll marda serja hafna.*

*Illi minhabba akkuzi ulterjuri ta` natura gravissima kontra l-esponenti l-assi tal-esponenti gew iffrizati kompletament u l-esponenti gie inibit milli jaghti ghajnuna finanzjarja sabiex il-kumpannija Stratford Company Limited taqta` l-gwaj finanzjarji illi ghandha mal-awtoritajiet.*

*Illi dan l-ahhar l-esponenti rrizenja mill-kariga ta` direttur tal-kumpannija Stratford Company Limited.*

*Illi ghar-ragunijiet premessi jezistu l-estremi tal-artikolu 214(2) (a) u (b) sabiex il-kumpannija Stratford Company Limited tigi stralcjata u xjolta.*

*Ghaldaqstant l-esponenti jitlob lil din l-Onorabbli Qorti xxolji u tistralcja l-kumpannija Stratford Company Limited u taghti l-provvedimenti opportuni.*

Rat li mal-presentata tar-rikors, ir-rikorrent infirma u ddikjara li kien qieghed jaghti ruhu b`notifikat bl-istess rikors ghan-nom tal-kumpannija Stratford Company Limited.

Rat li l-kumpannija intimata ma pprezentatx risposta.

Rat li r-Registratur tal-Kumpanniji kien notifikat bir-rikors promotorju.

Semghet id-deposizzjoni ta` Dr. Claudette Fenech bhala rapprezentant tar-Registratur tal-Kumpanniji u x-xhieda tar-rikorrent fl-udjenza tas-17 ta` Novembru 2011 u rat id-dokumenti li kienu esebiti mix-xhieda waqt l-udjenza.

Semghet is-sottomissjonijiet bil-fomm mid-difensur tar-rikorrent fl-istess udjenza.

Rat id-digriet taghha moghti fl-istess udjenza fejn halliet il-kawza ghas-sentenza ghall-udjenza tat-12 ta` Dicembru 2011.

Rat id-digriet taghha moghti fl-udjenza tat-12 ta` Dicembru 2011 fejn, ghar-ragunijiet specifikati fid-digriet, issospendiet il-prolazzjoni tas-sentenza.

Rat in-nota li ppresenta r-rikorrent fid-19 ta` Dicembru 2011 fejn permezz ta` dokument li kien anness man-nota huwa ndirizza l-kwistjoni li kienet sollevata *ex officio* minn din il-Qorti bid-digriet taghha tat-12 ta` Dicembru 2011.

Rat il-verbal tal-udjenza tad-9 ta` Jannar 2012 fejn halliet il-kawza ghas-sentenza ghal-lum.

Rat l-atti tal-kawza.

**Ikkunsidrat :**

**II. Dritt**

Ir-rikorrent qieghed jitlob lil din il-Qorti sabiex tordna x-xoljiment u stralc tal-kumpannija Stratford Company Limited (C18483). Qieghed jibbaza t-talba tieghu fuq l-**Art.214 (2) (a) u (b) tal-Kap.386** li jaqra hekk –

*(a) kumpannija* ***tista'*** (enfasi tal-qorti) *xxolji u tkun stralcjata mill-qorti fic-cirkostanzi li gejjin –*

*(i) jekk in-negozju tal-kumpannija jkun sospiz ghal perjodu bla waqfien ta' erbgha u ghoxrin xahar ;*

*(ii) il-kumpannija ma tkunx tista' thallas id-djun taghha ; u*

*(b) kumpannija* ***ghandha*** (enfasi tal-qorti) *tkun xolta bil-qorti fil-kazijiet li gejjin -*

*(i) in-numru ta' membri tal-kumpannija jkun nizel ghal inqas minn tnejn u jibqa' nieqes ghal aktar minn sitt xhur ;*

*Izda dan il-paragrafu ma japplikax ghal kumpanniji b'membru wiehed kif specifikat fl-Art.212(3) ;*

*(ii) in-numru ta' diretturi jkun nizel ghal inqas mill-minimu preskritt bl-artikolu 137 u jibqa' hekk nieqes ghal aktar minn sitt xhur ;*

*(iii) il-qorti tkun tal-fehma li hemm ragunijiet gravi u bizzejjed li jiggustifikaw ix-xoljiment u konsegwentement l-istralc tal-kumpannija ;*

*(iv) meta z-zmien, jekk ikun hemm, stabbilit ghad-dewmien tal-kumpannija bil-memorandum jew bl-istatut jiskadi, jew jigri dak, jekk il-kaz, li mal-grajja tieghu l-memorandum jew l-istatut jipprovdi li l-kumpannija ghandha tigi stralcjata, u l-kumpannija f'laqgha generali ma tkunx, qabel jiskadi z-zmien jew qabel il-grajja, ghaddiet rizoluzzjoni biex isir l-istralc volontarju.*

Ghall-fini ta` l-korretta interpretazzjoni ta` din id-disposizzjoni, din il-Qorti qeghda tirreferi ghal disposizzjonijiet ohra tal-Kap.386 senjatament –

**L-Art.214 (5)** li jaqra hekk –

*Ghall-finijiet tas-subartikolu (2)(a)(ii), kumpannija titqies li ma tkunx tista' thallas id-djun taghha -*

*(a) jekk id-dejn dovut mill-kumpannija jkun baqa' ma thallasx ghal kollox jew f'parti wara erbgha u ghoxrin gimgha mill-ezekuzzjoni ta` titolu ezekuttiv kontra l-kumpannija b'xi wiehed mill-atti ezekuttivi msemmijin fl-artikolu 273 tal-Kodici ta` Organizzazzjoni u Procedura Civli ; jew*

*(b) jekk ikun ippruvat ghas-sodisfazzjon tal-qorti li l-kumpannija ma tkunx tista' thallas id-djun taghha, meta din tqis ukoll il-passiv kontingenti u prospettiv tal-kumpannija.*

**<u>L-Art.212(1) u (3)</u>** li jaqraw hekk –

*(1) Kumpannija msemmija fl-artikolu 211(1) tista' tikkonsisti f`membru wiehed minkejja d-disposizzjonijiet ta' l-artikolu 68 u ta' l-artikolu 72(1) jew ta' xi disposizzjoni ohra ta' dan l-Att, meta l-ghanijiet ta' kumpannija bhal dik jispecifikaw liema attività tal-kumpannija se tkun l-attività tal-kummercjali ewlenija u n-negozju tal-kumpannija ghandu jikkonsisti principalment f'dik l-attività.*

*…*

*(3) Kumpannija jista' jkollha membru mar-registrazzjoni jew tista' ssir kumpannija b'membru wie]ed billi l-azzjonijiet kollha taghha jkunu akkwistati minn persuna wahda, kemm-il darba dik il-kumpannija thares id-disposizzjonijiet stabbiliti bis-subartikolu (1).*

**Ikkunsidrat :**

## III. <u>Provi</u>

Il-kumpannija Stratford Company Limited (C18483) (minn issa `l quddiem tissejjah **<u>"Stratford"</u>**) kienet registrata fis-17 ta` Mejju 1995. L-*authorised share capital* u l-*issued share capital* kien jamonita ghal 20,000 Ordinary Shares ta` Lm 1 kull sehem, *fully paid up.* L-ishma kienu maqsuma in kwantu ghal 19,999 f`idejn Zahra Investments Limited u in kwantu ghal sehem wiehed f`idejn ir-rikorrent. Kien hemm direttur wiehed biss illi kien ir-rikorrent.

Permezz ta` laqgha generali straordinarja ta` Stratford li saret fit-23 ta` Gunju 1995, l-*authorised share capital* taghha zdied ghal 100,000 Ordinary Shares ta` Lm 1 kull sehem. Minnhom 80,000 –il sehem kienu *fully paid up* u assenjati in kwantu ghal 79,996 lil Zahra Investments Limited u in kwantu ghal 4 lir-rikorrent.

B`hekk Zahra Investments Limited giet li kellha 99995 shares waqt li r-rikorrent kellu 5 shares.

L-ahhar *abridged financial statements* li kienu prezentati lir-Registratur tal-Kumpanniji kienu dawk ghas-sena li ghalqet fil-**31 ta` Dicembru 1999**.

L-ahhar *annual return* li kienet prezentata lir-Registratur tal-Kumpanniji kienet dik sal-**31 ta` Ottubru 2000**.

Ir-rikorrent irrizenja minn direttur fil-**31 ta` Awissu 2011**.

Wara dik ir-rizenja, ma kienx mahtur direttur iehor.

In segwitu ghad-digriet ta` din il-Qorti tat-12 ta` Dicembru 2011, ir-rikorrent rega` inhatar direttur, bir-rapprezentanza legali u gudizzjarja ta` Stratford fl-**14 ta` Dicembru 2011** (ara fol 178).

Ir-rikorrent xehed illi huwa personalment ghamel zmien twil jircievi l-kura ghall-mard tal-kancer bil-konsegwenza li n-negozju ta` Stratford mar lura. Dan gara ghaliex minaba l-marda tieghu halla l-gestjoni tan-negozju f`idejn l-impjegati tieghu li minflok hadu hsieb aktar gharrqu lill-kumpannija. In-negozju tant mar lura li l-bank kreditur tieghu mexxa bil-bejgh in subasta tal-

propjeta` tal-kumpannija. Fil-fatt Stratford spiccat minghajr assi ghaliex il-bank kreditur ha kollox biex jaghmel tajjeb ghal li kien dovut.

Ir-rikorrent jixhed li wara l-2001 Stratford ma ghamlet l-ebda negozju jew attivita` kummercjali ghax il-bank ha kollox. Ghalhekk illum Stratford hija biss isem hlief li hemm problemi mal-awtoritajiet fiskali inkluz id-Dipartiment tal-Inland Revenue u tal-VAT.

Ir-rikorrent xehed li konsegwenza tal-inkwiet mad-Dipartiment tal-VAT huwa wehel piena karcerarja ta` sena u xahar.

Xehed ukoll illi kellu gwaj finanzjarju mal-Kummissarju tat-Taxxi Interni tant li kellu proceduri kriminali pendenti ghall-allegat nuqqas ta` hlas tal-FSS.

Sostna li l-assi tieghu personali kienu ffrizati u ghalhekk gie inibit milli jsostni finanzjarjament lil Stratford.

**Ikkunsidrat :**

**IV. <u>Risultanzi</u>**

**Wara li din il-Qorti qieset b`reqqa l-fatti u c-cirkostanzi ta` dan il-kaz, fil-kuntest tal-provi akkwiziti, issib li l-azzjoni tar-rikorrent hija ben fondata abbazi ta` l-Art.214(2)(a)(i) u l-Art.214(2)(b)(iii) tal-Kap.386.**

**<u>Provvediment</u>**

**Din il-Qorti qeghda tilqa` t-talba tar-rikorrent, u konsegwentement tordna x-xoljiment u l-istralc tal-kumpannija Stratford Company Limited (C18483) b`effett mil-lum.**

**Qeghda ghalhekk tahtar lill-Avukat Dottor Peter Fenech bhala stralcjarju bis-setghat u d-dmirijiet kollha li huma definiti mid-disposizzjonijiet ta` l-Kap.386 tal-Ligijiet ta` Malta (kollox inkluz u xejn eskluz).**

**Tordna li l-ispejjez u d-drittijiet, direttament jew indirettament relatati ma` dan il-provvediment, inkluzi dawk tal-istralcjarju, kollox inkluz u xejn eskluz, ghandhom jithallsu mir-rikorrent.**

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------